MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 221/1996/1

**Joseph Sultana**

**Vs**

**Eusebio Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mill-attur fit-18 ta' Marzu 1996 permezz ta' liema jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' mija sitta u tletin Lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm136.43), illum ekwivalenti ghal tlett mija u sbatax-il Euro u tmenin centezmu (€317.80), rapprezentanti l-valur ta' materjal u mano d'opera mahdum minnu fuq inkarigu tal-konvenut fuq il-magna tal-vettura Alfa 33 bin-Numru tar-Registrazzjoni N-8360; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 6 ta' Lulju 1995 u ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru 1995, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut permezz ta’ liema jeccepixxi li t-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur, billi ghamel xoghol hazin u ma esegwiex l-appalt kif titlob l-arti u s-sengha;

Rat id-Digriet tad-9 ta’ Mejju 1996 bis-sahha ta’ liema gie nominat bhala Espert Tekniku Joseph Zammit sabiex jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat ir-Relazzjoni ta’ l-Espert Tekniku a fol. 62 tal-process;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u semghet it-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensur ta’ l-attur;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta’ Lm136.43, illum ekwivalenti ghal €317.80, rapprezentanti l-valur ta’ materjal u mano d’opera mahdum minnu fuq inkarigu tal-konvenut fuq il-magna tal-vettura Alfa 33 bin-Numru tar-Registrazzjoni N-8360. Il-konvenut jikkontesta t-talba attrici u jikkontendi li din ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, billi huwa ghamel xoghol hazin u ma esegwiex l-appalt lilu kummissjonat skond is-sengha u l-arti.

Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Fiz-zmien il-konvenut kien proprjetarju tal-vettura tal-marka Alfa 33 bin-Numru tar-Registrazzjoni N-8360;
- Ghall-habta ta’ Gunju 1993 il-konvenut kien involut f’incident stradali b’konsegwenza ta’ liema l-vettura imsemmija garrbet hsarat kemm fil-*body* taghha kif ukoll fil-magna;
- Ix-xoghol ta’ riparazzjoni tal-*body* tal-vettura kellu u gie esegwit minn certu Alfred Gatt ta’ Cioffi Garage sitwat Haz-Zebbug, filwaqt illi x-xoghol ta’ riparazzjoni tal-magna tal-vettura kellu jigi esegwit mill-attur;

- Missier il-konvenut qala' l-magna mill-vettura u kkonsenjaha lill-attur sabiex ikun jista' jaghmel ix-xoghol ta' riparazzjoni necessarju;
- Wara xi zmien missier il-konvenut ried li l-attur jirritornalu l-magna tal-vettura u bhala fatt l-attur irritornaha;
- Meta l-attur ipprezenta l-kont lill-konvenut, jew ahjar lil missier il-konvenut, dan irrifjuta li jhallsu ghaliex skond hu x-xoghol ta' riparazzjoni fuq il-magna gie esegwit hazin u ma kienx skond is-sengha u l-arti;
- L-attur ghalhekk istitwixxa l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm136.43, ekwivalenti ghal €317.80.

Minhabba n-natura teknika tal-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti gie nominat Espert Tekniku biex jirrelata dwar it-talba ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni tal-konvenut u fid-dawl tal-provi prodotti mill-partijiet kontendenti l-Espert Tekniku kkonstata w ikkonkluda is-segwenti:

*1. Illi mix-xhieda jirrizulta li l-konvenut kien inkariga lill-attur sabiex jaghmel tiswijiet fuq il-magna tal-karozza tieghu, dik tal-marka Alfa 33 bin-numru ta' registrazzjoni N-8360, u dana wara li kien involut f'incident tat-traffiku fejn intlaqtet il-magna;*
*2. Illi l-hsara li garbet din il-vettura kienet fuq il-parti frontali taghha u intlaqtet it-timing belt (toothed belt) u intlaqtet ukoll it-timing gear;*
*3. Illi peress kif dejjem jigri meta dawn il-partijiet jintlaqtu u garbu hsara, tigi ikkagunata hsara estensiva fil-magna billi jintilef it-timing tal-magna u b'hekk il-valves jahbtu mal-crown tal-piston u generalment dawn jitqacctu u jitghawgu u kawza ta' hekk tigi ggamjata l-magna u ma tkunx tista' ddur;*
*4. Illi skond ix-xhieda ta' l-attur meta huwa zarma lill-magna sab din il-hsara u li huwa irrangaha u haddimha;*
*5. Illi wara argument bejn il-partijiet din il-vettura giet rilaxxjata bil-magna mwahla fuqha imma ma kienitx lesta biex tithaddem;*

*6. Illi skond ix-xhieda tal-konvenut meta huwa gie biex jdawwar il-magna bis-sahha ta' l-idejn din ma setghetx iddur, xhieda li giet ikkoroborata mit-tieni mekkanik inkarigat mit-tiswijiet;*
*7. Illi ghalhekk fil-fehma ta' l-esponent ix-xhieda ta' l-attur ma tistax tkun kredibbli billi l-hsara li t-tieni mekkanik sab fuq il-magna hija l-istess hsara kif generalment tigri meta jintlaqtu iz-zewg partijiet imsemmija;*
*8. Illi fil-fehma tal-esponent l-attur ghandu jithallas biss tax-xoghol u l-partijiet li xtara dwar, in partikolari tat-toothed belt u tal-exhaust valve u tat-timing gear ghalkemm dina ma kienitx tal-istess mudell tal-magna;*
*9. Illi l-esponent jaqbel ukoll u jikkonferma l-hlas li l-attur ghandu jithallas bhala labour, dak tal-Lm45 meta tqis li huwa wkoll irmonka lill-vettura wara l-incident;*
*10. Illi fil-fehma ta' l-esponent il-kont li gie ipprezentat ta' Lm136.43, ma giex sustanzjat mill-attur permezz ta' ricevuti u ghalhekk billi l-vettura in kwistjoni ma ghadhiex proprjetà tal-konvenut, l-esponent ma setghax jezminaha sabiex jara jekk dawk il-partijiet li huma imnizzlin li inbidlu skond il-kont esebit kienux fil-fatt inbidlu jew le;*
*11. Illi ghalhekk l-ammont pretiz mill-attur ghandu jigi ridott ghal sitta u sebghin lira w erba' u hamsin centezmu*[1].

Minn ezami tal-provi prodotti u tal-konstatazzjonijiet ta' l-Espert Tekniku jirrizulta ferm car li l-Qorti ghandha quddiemHa zewg versjonijiet kontrastanti ghal xulxin: dik ta' l-attur li jghid li ghamel ix-xoghol ta' riparazzjoni necessarju fuq il-magna tal-vettura tal-konvenut u din giet tahdem, u dik ta' tal-konvenut li tramite missieru jikkontendi li x-xoghol li gie esegwit mill-attur fuq il-magna sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti ghaliex meta hadu l-istess magna minghand l-attur din ma kenitx tahdem u giet tahdem biss wara li hadem fuqha mechanic iehor, u cioè Joseph Grech.

Huwa principju assodat li *f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet il-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: 1. Li taghraf tislet*

[1] Pagna 13 sa' 17 tar-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku.

*minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u 2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur" … Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-krediblità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilitajiet u tal-prepondernza tal-provi ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinviment tal-gudikant*[2].

Il-Qorti, bhall-Espert Tekniku, hi tal-fehma li l-versjoni l-iktar kredibbli u attendibbli hi dik tal-konvenut u mhux ta' l-attur u dana billi kuntrarjament ghall-versjoni ta' l-attur, il-versjoni tal-konvenut hija korroborata mix-xhieda ta' Joseph Grech.

Grech xehed illi: *il-konvenut qalilna li l-magna ma kienetx qeghda tahdem. Il-konvenut ikkummenta li qabel ma gabha hawn kien hadem fuqha mechanic iehor. Min kien ma nafx. Il-konvenut qalli li il-hoss tal-magna qal din giet hawn tahdem qisha luzzu. Minhabba dan id-difett jiena iddecidejt li ma nistartjax il-magna. Jiena ghalhekk bdejt indawwar il-magna b'idejja biex niccekja it-timing mark position immarkati fuq il-magna. Waqt li kont indawwar clock wise kemm tela' il-piston il-magna wehlet, ma baqghetx iddur. Ergajt dawwartha anti clockwise (kontra) u wahlet ukoll. Ghalhekk jiena stabbilejt li l-magna kienet smangata mill-valves timing u iddecidejt li niftah il-magna jew naqla' is-cylinder head. Din il-magna ghandha zewg cylinder head. Ma niftakarx liema wahda kont zarmajt. … hekk kif qlajt is-cylinder head l-ewwel ma nnutajt bicca stem ta' valve li waqa' fl-art u l-parti l-ohra tal-valve fuq il-crown piston u gie deciz li tigi rrangata is-cylinder head. Biddilt l-erba' valves. Biddilna l-isprocket jew it-timing gear, peress li din ma kienetx ta' dik il-magna, imma ta' magna ta' mudell iehor ta' Alfa aktar antika li t-timing marks ma kienux jaqblu. Jiena ittajmjat il-magna bl-istess toothed belt li kellha, haddimt il-magna però iz-zewg*

---

[2] **Maria Xuereb et v. Clement Gauci et, Appell Civili Nru. 290/01**, Appell Inferjuri deciza fl-24 ta' Marzu 2004.

*pistons tac-cilindri l-iehor ma kellux power bizzejjed ma kellux compression bizzejjed kellu biss ta' 80 PSI meta suppost kellu 140 PSI u ghalhekk iddecidejt ukoll li nzarma s-cylinder head l-ohra. Hekk ghamilt fejn sibt li l-valves ma kienux qeghdin jaghmlu seatings li dawn ukoll gew mibdulin l-erbgha. Ergajt ittajmjat il-magna, haddimta u hadmet sewwa*[3].

Ix-xhieda ta' Joseph Grech mhux biss tikkorobora dak affermat mill-konvenut izda ixxejjen ghal kollox dak allegat mill-attur, u cioè li esegwixxa x-xoghol ta' riparazzjoni necessarju fuq il-magna tal-vettura tal-konvenut u din giet tahdem. In effetti minn din l-istess xhieda l-Espert Tekniku kkonstata li *l-hsara li t-tieni mekkanik sab fuq il-magna hija l-istess hsara kif generalment tigri meta jintlaqtu z-zewg partijiet imsemmija*[4] u ghalhekk ma jistax ikun kif jallega l-attur, li wara x-xoghol li huwa esegwixxa fuq il-magna in kwistjoni din giet tahdem.

Ma hijiex biss ix-xhieda ta' Joseph Grech illi tpoggi fid-dubju l-kredibilità ta' l-attur u tal-versjoni moghtija minnu izda, hemm fatturi ohra li jimpingu serjament fuq il-kredibilità tieghu bhal, ad ezempju l-fatt li ma ressaqx bhala xhud lil certu Joseph Galea li skond hu kien prezenti meta haddem il-magna tal-vettura tal-konvenut l-ewwel darba. L-attur xehed illi *waqt ix-xogol fuq il-magna l-konvenut jew missieru kienu jkunu prezenti ghax dawn joqghodu vicin. Meta startjatha l-konvenut ma kienx prezenti l-ewwel darba, kienu prezenti Joseph Galea u Michael Falzon*[5]*.* Filwaqt illi Michael Falzon miet fil-mori tal-proceduri u ghalhekk spiegazzjoni ghalfejn dan ma xehedx, l-attur inspiegabilment ma ressaqx lil Joseph Galea bhala xhud minkejja lid dan, skond ma xehed l-attur, seta' jikkoroborha dak minnu allegat, u cioè li wara li ghamel ix-xoghol ta' riparazzjoni fuq il-magna tal-vettura tal-konvenut din giet tahdem.

Fattur iehor li jimpingi fuq il-kredibilità ta' l-attur huwa l-mod xejn konvincenti kif ipprova jispiega l-fatt li meta

---

[3] Xhieda moghtija minn Joseph Grech waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 1998.
[4] Para. 7 f'pagna 15 tar-Relazzjoni Teknika.
[5] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 1997.

rama' l-magna fuq il-vettura tal-konvenut din ma hadmitx. Ghad-domanda ta' l-Espert Tekniku waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 1997 *ghala meta poggejt il-magna fil-karozza ma startjathiex?* l-attur irrisponda *ghax iltqajt ma diffikultajiet*. Ghad-domanda ulterjuri ta' l-Espert Tekniku *x'kienu dawn id-diffikultajiet?* l-attur spiega *il-power steering u l-washers tieghu u l-wiring.* Din ir-risposta ma jidhirx li kkonvinciet lill-Espert Tekniku ghaliex huwa staqsa *il-power steering huwa mechanical x'ghandu x'jaqsam?* u l-attur jidher li hareg minnha bl-ispiegazzjoni li *ma sibtlux il-washers tal-power steering originali. Barra minn hekk gabuli barmil mimli b'hafna parts u boltijiet mhawwad kollox* – spiegazzjoni din li ma tidher affattu xejn konvincenti.

Fin-nuqqas ta' verosimiljanza ta' dak affermat mill-attur u fid-dawl tax-xhieda ta' Joseph Grech il-Qorti ma ghandhiex dubju li kif affermat mill-konvenut ix-xoghol esegwit mill-attur fuq il-magna tal-vettura tieghu sar hazin u mhux skond is-sena u l-arti.

F'cirkostanzi normali raggunta din il-konkluzzjoni jsegwi li l-attur *qua* appaltatur ma jkun intitolat ghal ebda hlas u dana fid-dawl tal-principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-appaltatur kommissjonat minn bicca xoghol ghandu bi dmir l-oneru li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess u li dan ix-xoghol jezegwih tajjeb f'kull rispett b'mod illi jkun utili u hieles minn difetti. Dan ghaliex ukoll … il-massima generali hi li jekk jinstab li l-appaltatur ghamel operazzjonijiet kontra s-segha huwa jkollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem. Mhux hekk biss, però jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt ma jkunx kollu lest jew ma jkunx kollu ezegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi hlas in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol*[6]*.* Izda, fil-kaz in ezami l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti ghandhom imorru 'l hinn minn dan il-principju u dana fid-dawl tal-fatt li l-appalt kummissjonat lill-attur gie terminat mill-konvenut, jew ahjar minn missieru Carmelo

[6] **Joseph Bezzina et v. Joseph Attard et, Appell Civili 289/97**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003; **Emanuel Galea v. Christopher Meli et, Appell Civili 2082/97**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004.

Ellul, u x-xoghol fuq il-magna tkompla minn mechanic iehor.

It-terminazzjoni ta' l-appalt tirrizulta b'mod car kemm mix-xhieda ta' l-attur, li waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 1997 xehed illi *wara xi granet il-konvenut u missieru gew jarmaw il-bumper tal-karozza u dak il-hin giet persuna b'rota u talbitni nirrangalha r-rota. Dak il-hin smajt lil missier il-konvenut jghaddi xi kummenti li ma fhimthomx. L-ghada rega' gie missieru u staqsieni jekk kontx ser inkompli x-xoghol, nahdem fuq il-karozza b'diskors hazin u talabni c-cwievet. Kellimni hazin, tajtu c-cwievet xi jumejn wara,* kif ukoll mix-xhieda ta' Carmelo Ellul li waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 1998 xehed illi *meta kien qieghed jghaddi z-zmien u kien ghada barra u l-magna ma tlestietx, jiena ghedt lill-attur u staqsejtu jekk kienx jinhtieg xi spare parts biex ilesti u l-attur wegibni "Jekk trid xi haga hudha" hekk qalli. Jiena ghidtlu "ara x'xoghol ghamilt" biex inhallsu tieghu u kien dak il-hin li hadt il-karozza hdejn id-dar tieghi li tinsab ftit il-boghod mill-garage tieghu*.

Il-konvenut kellu kull dritt jittermina l-appalt kummissjonat lill-attur u dan a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 1640(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *min jaghti ix-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun digà beda* u kellu kull dritt ukoll li jinkariga mechanic iehor biex ikompli x-xoghol fuq il-magna. Din id-decizjoni tal-konvenut però ggib certa konsegwenzi maghha u dan kif jirrizulta mill-istess Artikolu 1640 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta – *jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qligh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt*[7] filwaqt li *jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta' l-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilità ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-*

[7] Artikolu 1640(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

*xoghol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra*[8] u mill-principju li *l'appalto stante la sua stessa accettazione o utilizzazione della parte eseguita neanche or ail committente può pretendere che l'inadempimento parziale sia trattato come inadempimento totale, e quindi non può esimersi dal corrispondere un adeguato compenso per quella parte*[9]*.*

Il-partijiet kontendenti jaghtu versjonijiet opposti ghar-raguni ghalfejn l-appalt kummissjonat lill-attur gie terminat. Filwaqt li l-attur jikkontendi li l-appalt gie terminat ghal ebda raguni valida, il-konvenut, jew ahjar missieru, jafferma li l-appalt gie terminat ghaliex ma kienx qed isir ix-xoghol mehtieg fuq il-magna in kwistjoni. F'dan ir-rigward ukoll il-Qorti hi tal-fehma li hija iktar kredibbli l-versjoni tal-konvenut u li ghalhekk kellu raguni valida ghalfejn jittermina l-appalt, liema raguni ssib konferma fil-fatt li x-xoghol esegwit mill-attur sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti.

Stabbilit illi l-appalt gie terminat ghal raguni valida japplika dak dispost fl-Artikolu 1640(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li l-appaltant [ossia l-konvenut] ghandu jhallas lill-appaltatur [l-attur] biss somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta' l-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilità ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lill-appaltant kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.

Is-somma pretiza mill-attur hi dik ta' Lm136.43, illum ekwivalenti ghal €317.80, u din tikkonsisti fis-somma ta' Lm45, illum ekwivalenti ghal €104.82, rapprezentanti il-valur tal-*labour* u l-bilanc rapprezentanti l-valur ta' *spare parts* tal-magna li gew mibdula minnu[10]. Fil-fehma tal-Qorti minn din is-somma l-attur huwa intitolat biss ghall-valur ta' dawk il-*parts* li jirrizulta pruvat illi gew mibdula minnu u gew utilizzati, fis-sens mhux mibdula mill-gdid, mit-tieni mechanic li finalment sewwa l-magna.

---

[8] Artikolu 1640(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[9] **Joseph Bezzina et v. Joseph Attard et, Appell Civili 289/97**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003.
[10] Xhieda ta' l-attur waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 1997.

Ebda hlas ma huwa dovut bhala *labour* billi jirrizulta ppruvat illi x-xoghol li lahaq esegwixxa l-attur fuq il-magna sar hazin u ma kienx skond is-sengha u l-arti u ma kien pratikament ta' ebda utilità lill-konvenut. F'dan ir-rigward il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni ta' l-Espert Tekniku li s-somma ta' Lm45 mitluba mill-attur bhala *labour* hija gustifikata ghaliex *l-attur ghamel xoghol iehor, ex parte ta' meta l-konvenut kellu l-incident u nghata l-ghajnuna billi garlu l-karozza ghal go garaxx*[11] u dana billi din is-somma qed tintalab mill-attur ghax-xoghol esegwit fuq il-magna u mhux ghall-irmunkar tal-vettura tal-konvenut mill-lok ta' l-incident ghal gol-garage, u dana kif johrog ferm car mix-xhieda ta' l-attur kemm waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 1997 kif ukoll waqt is-seduta tat-28 ta' April 1998.

Ghal dak li jirrigwarda l-*parts* li allegatament gew mibdula mill-attur, kif gustament osservat mill-Espert Tekniku l-istess attur ma ippruvax b'mod sodisfacenti li effettivament biddel l-*ispare parts* kollha minnu indikati waqt is-seduta tat-28 ta' April 1998 u mnizzlin fil-kont tieghu lill-attur. L-unici *spare parts* li jirrizulta ippruvat li gew mibdula huma: (a) il-*clutch plate* u t-*thrust bearing* li ghalkemm ma gewx esebiti ricevuti relattivi ghalihom skond l-Espert Tekniku *dawn bhala procedura meta l-magna tkun giet isseparata mill-gear box, wara li jigi ezaminat anke jekk jkun fihom ftit wear and tear, bhala procedura jinbidlu sabiex il-magna ma tergax tinqala' minn postha wara ammont ta' mili ohra*[12]; u (b) it-*toothed belt* u t-*timing gear*.

Il-valur ta' dawn il-*parts* skond ix-xhieda li ta l-attur waqt is-seduta tat-28 ta' April 1998 huwa ta' Lm10.54 ghat-toothed belt, Lm12 ghat-timing gear, Lm15.60 ghall-clutch plate u Lm6.65 ghat-thrust bearing – komplessivament ammontanti ghal Lm44.79, illum ekwivalenti ghal €104.33 u fil-fehma tal-Qorti dan l-ammont huwa dovut lill-attur mill-konvenut ghaliex (a) il-*clutch plate*, it-*thrust bearing* u t-*toothed belt* gew mibdula mill-attur u riutilizzati mit-tieni mechanic; u (b) it-*timing gear* ghalkemm mhux tal-mudell

[11] Pagni 11 u 12 tar-Relazzjoni Teknika.
[12] Pagna 11 tar-Relazzjoni Teknika.

tal-vettura tal-konvenut ma gietx ritornata lura lill-attur wara li nqalghet mill-magna.

L-attur jikkontendi li l-Espert Tekniku ma setax jasal ghall-konkluzzjoni li l-*parts* minnu indikati fix-xhieda tat-28 ta' April 1998 gew kollha effettivament mibdula minnu b'tort tal-konvenut ghaliex lahaq iddispona mill-vettura qabel ma' l-Espert Tekniku seta' jezminaha. Il-Qorti però ma taqbilx ma' din il-kontestazzjoni ta' l-attur ghaliex mir-Relazzjoni Teknika jirrizulta b'mod car li l-Espert Tekniku ma setax jistabilixxi b'mod definittiv liema *parts* effettivament inbiddlu mhux biss ghax il-konvenut lahaq biegh il-vettura izda wkoll ghaliex *lanqas ma l-attur issustanza dak kollu li jidher fuq il-kont permess ta' ricevuti*. Barra minhekk, indipendentement minn dak li seta' gara mill-vettura l-obbligu tal-prova ta' dak affermat mill-attur kien jinkombi esklussivament fuq l-istess attur u mhux fuq il-parti avversa.

Ghalhekk fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, filwaqt li l-konvenut huwa korrett f'li jeccepixxi li x-xoghol esegwit mill-attur sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti, ma huwiex ghal kollox korrett jippretendi li ebda hlas ma huwa minnu dovut lill-istess attur. Kif appena osservat u ghar-ragunijiet moghtija iktar 'l fuq, il-konvenut ghandu fil-fehma tal-Qorti jhallas lill-attur is-somma ta' Lm44.79, illum ekwivalenti ghal €104.33, rapprezentanti l-valur ta' dawk il-*parts* li gie stabbilit li gew mibdula mill-attur u riutilizzati mit-tieni mechanic inkarigat mill-konvenut biex jikkompleta ix-xoghol fuq il-magna tal-vettura tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' in parte l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' in parte t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €104.33, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attur u terz (1/3) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------